**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 10 ta' Dicembru, 2015**

Numru 15

**Rikors Guramentat Nru. 968/2015**

**L-Avukat Dottor Jotham Scerri-Diacono**
**bhala mandatarju specjali f'isem u**
**ghan-nom tas-socjeta estera**
**Steamship Insurance Management Services Ltd.,**
**ta' Londra, l-Ingilterra**

**vs**

**Medsail Maritime Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-14 ta' Ottubru 2015 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta konvenuta hija propjetarja tal-bastiment navali "CITY OF LUTECE" registrar hawn Malta u li ghandu n-numru ufficjali IMO 8017970;

2. Illi s-socjeta konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' dollari amerikani 107,918.50 (ekwivalenti ghal circa erbgha u disghin elf, sitt mija sitta u ghoxrin ewro (€94,626)) liema somma tirraprezenta premia u release calls dovuti mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici (kif jirrizulta ahjar mir-rendikontijiet hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument A' ghall-imsemmija premia u Dokument B ghall-imsemmja release calls).

3. Illi l-imsemmija somma dovuta lis-socjeta attrici ma thallsitx minkejja li l-istess socjeta konvenuta giet interpellata taghmel dan diversi drabi tramite l-intermedjari

ossija il-brokers involuti: jirrizulta illi d-dejn huwa ammess mis-socjeta konvenuta li izda mhijiex f'pozizzjoni thallas is-somma dovuta minhabba problemi ta' cash flow (ara l-emails/ittri hawn annessi u mmarkati bhala 'Dokument C'). In vista tal-inadempjenza tas-socjeta konvenuta, is-socjeta attrici behsieba tinstitwixxi proceduri fl-arbitragg f’Londra fil-granet qrib;

4. Illi l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet kontendenti tirrigwarda claim kontemplat fl-artikolu 742B subartikolu (x) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hu kwindi azzjonabbli bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742D tal-istess Kap. 12: b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif imfisser inter alia fl-artikolu 37(10)(a)(v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih ai termini tal-artikolu 37(1) tal-istess Kap. 12;

5. Illi sa fejn taf is-socjeta attrici, l-assi tas-socjeta konvenuta jikkonsistu biss mill-bastiment "CITY OF LUTECE" u jekk is-socjeta konvenuta tbiegh jew tittrasferixxi b'xi mod iehor dan il-bastiment, jew xi sehem tieghu, il-kreditu tas-socjeta attrici jigi eluz;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment "CITY OF LUTECE" iregistrat hawn Malta u li ghandu n-numru ufficjali IMO 8017970 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmula min din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata u baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-vertenza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba ta’ socjeta estera sabiex jigi ordnat li ma jsir ebda negozju, bejgh jew self jew ipoteka fuq il-bastiment CITY OF LUTECE registrat f’Malta numru ufficjali IMO

8017970 peress li l-istess socjeta rikorrenti tinsab kreditrici tas-socjeta konvenuta liema dejn jirraprezenta premia u release calls, u hu ammess mill-istess socjeta konvenuta. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti li s-socjeta konvenuta mhijiex f'pozizzjoni thallas is-somma dovuta minhabba problemi ta' cash flow.

Is-socjeta rikorenti tikkontendi li dan il-ftehim previst fl-artikolu 742B(i) tal-Kap. 12 hu azzjonabbli in rem a tenur tal-artikolu 742D tal-Kap. 12. Dan jikkostittwixxi dritt fi jew fuq vapur skond artikolu 37(1)(a)(v) tal-Kap. 234 u ghalhekk il-Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi n-negozju fuq il-bastiment ai termini tal-artikolu 37(1) tal-Kap. 12 kif qed jigi mitlub pendenti l-ezitu fil-mertu tal-vertenza.

Gew esebiti dokumenti in sostenn tal-pretensjoni ta’ kreditu tas-socjeta attrici. F’dan l-istadju l-Qorti hi marbuta tiddeciedi jekk il-pretensjoni maghmula hix sussettibbli ghal dritt li jisthoqqlu jigi protett billi jigi inibit kull negozju fuq il-vapur innifsu. Ma hemm xejn fl-atti li juri illi tali pretensjoni naxxenti minn rapport kontrattwali allegatament miksur mis-socjeta intimata jekk gustifikata fil-mertu, mhix suxxettibbli ghal jedd li jisthoqqlu jigi protett. In oltre kif allegat l-istess socjeta rikorrenti, il-vapur hu l-uniku assi tas-socjeta intimata, u billi l-pretensjoni hi ghal ammont konsiderevoli, il-hlas tal-kreditu jista’ jsir biss mill-valur tal-istess vapur.

Dr. Jotham Scerri Diacono ddikjara bil-gurament tieghu li ma nbidel xejn minn dak dikjarat fir-rikors guramentat tal-14 ta’ Ottubru 2015.

Il-Qorti tqis it-talba f’dawn ic-cirkostanzi gustifikata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba tas-socjeta rikorrenti kif dedotta. Tordna wkoll li din id-decizjoni tigi notifikata lis-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 ai termini tat-tieni talba tas-socjeta rikorrenti.

Spejjez jithallsu mis-socjeta intimata.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur